

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 310

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

26 ta' Novembru 2010

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1084/2010 tal-25 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 612/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifiżjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, fir-rigward tal-ekwivalenza skont l-Ipproċessar Attiv** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2010 tal-25 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi kwoti tariffarji annwali u mod għall-ġestjoni tagħhom għall-importazzjoni tal-patata ħelwa, tal-manjoka, tal-lamtu tal-manjoka u ta' prodotti oħra rilevanti għal kodiċijiet NM 0714 90 11 u NM 0714 90 19 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1000/2010** 3
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1086/2010 tal-25 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 7
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1087/2010 tal-25 ta' Novembru 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 9

DIRETTIVI

- ★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2010/81/UE tal-25 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-estensjoni tal-użu tas-sustanza attiva 2-fenilfenol⁽¹⁾** 11

Prezz: 3 EUR

(Ikompili fil-paġna ta' wara)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/714/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2004/4/KE li tawtorizza Stati Membri li temporanjament jieħdu miżuri ta' emerġenza kontra t-tixrid ta' *Pseudomonas solanacearum* (Smith) Smith fir-rigward tal-Eġittu (notifikata bid-dokument numru C(2010) 8185)** 14

2010/715/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2010 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Fosfat Ferruż tal-Ammonju bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument numru C(2010) 8191)** 16

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Ir-Regolament Nru 64 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tagħhom li jista' jinkludi: stepni għall-użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat u/jew sistema ta' monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers** 18

II

(Atti mhux legiſlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1084/2010

tal-25 ta' Novembru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 612/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, fir-rigward tal-ekwivalenza skont l-Ipproċessar Attiv

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

tiġi rilaxxata meta trattament jew użu ġdid approvat mid-dwana jiġi assenjat lill-oġġetti jew prodotti kumpensatorji mqiegħda taħt dak arranġament.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 167 u 170, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 ⁽²⁾ ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għandhom jingħataw meta l-ingredjent jew l-ingredjenti li fir-rigward tagħhom tintalab ir-rifużjoni jkun oriġinarjament ta' oriġini Komunitarja (fil-preżent l-Unjoni) u/jew fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa kif ipprovdut fil-paragrafu 1 tiegħu u li ma jkunux aktar f'ċirkulazzjoni ħielsa unikament minħabba l-inkorporazzjoni tagħhom fi prodotti oħra. Dik id-dispożizzjoni tapplika meta prodotti li joriġinaw fil-Komunità u/jew f'ċirkulazzjoni ħielsa huma pproċessati skont l-Ipproċessar Attiv kif stipulat fl-Artikoli 114 sa 129 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarja ⁽³⁾.

(2) Skont l-Artikoli 84(1)(b) u 89 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 l-Ipproċessar Attiv huwa proċedura doganali b'impatt ekonomiku u proċedura sospensiva li għandha

(3) L-Artikolu 115(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jipprovdli li l-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu l-prodotti kumpensatorji sabiex jiġu miksuba minn oġġetti ekwivalenti u li l-prodotti kumpensatorji miksuba minn oġġetti ekwivalenti jiġu esportati mill-Komunità qabel l-importazzjoni tal-oġġetti importati. L-Artikolu 114(2)(e) ta' dak ir-Regolament jiddefinixxi oġġetti ekwivalenti bħala oġġetti Komunitarji li huma użati minflok l-oġġetti importati għall-manifattura ta' prodotti kumpensatorji. Skont l-Artikolu 545(2) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽⁴⁾ l-oġġetti ekwivalenti u l-prodotti kumpensatorji magħmulin minnhom isiru oġġetti mhux Komunitarji u l-oġġetti Komunitarji li huma oġġetti tal-importazzjoni fil-mument li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni li tirrilaxxa l-arranġamenti, jew fejn l-oġġetti tal-importazzjoni jitqiegħdu fis-suq qabel ma jiġu rilaxxati l-arranġamenti, dawn jibdlu l-istatus tagħhom fil-mument li jitqiegħdu fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjoni preċedenti, il-prodotti kumpensatorji jsiru oġġetti mhux Komunitarji hekk kif tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni bil-kundizzjoni li l-oġġetti li għandhom jiġu importati jiddaħħlu għall-arranġamenti; oġġetti ta' importazzjoni jsiru oġġetti tal-Komunità fiż-żmien tad-dħul tagħhom għall-arranġamenti.

(4) Bħalma hemm fir-regoli tal-użu tal-oġġetti ekwivalenti l-istatus doganali tal-oġġetti tal-importazzjoni jinbidel fi status Komunitarju, u l-arranġament tal-Ipproċessar Attiv huwa jew għandu jiġi rilaxxat b'dak, u l-oġġetti tal-importazzjoni mhumieq suġġetti għal dazji tal-importazzjoni. Konsegwentement, il-livell tal-prezz fl-Unjoni

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

tal-oġġetti ekwivalenti tal-esportazzjoni ta' oriġini Komunitarja, f'dik is-sitwazzjoni ikun qed jiġi kumpensat bil-livell tal-prezz tas-suq dinji tal-oġġetti tal-importazzjoni, u għalhekk ma hemmx ġustifikazzjoni għall-oġġetti ekwivalenti tal-esportazzjoni biex ikunu koperti għad-differenza bejn il-prezz tas-suq dinji u l-prezz tal-Unjoni minn rifużjoni tal-esportazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 162 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

- (5) Għal finijiet ta' ċarezza u ċ-ċertezza legali jixraq li tiġi eskluża l-ġhotja ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni espliċitament fir-Regolament (KE) Nru 612/2009 meta prodotti jiġu esportati skont regoli dwar l-użu tal-oġġetti ekwivalenti.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 612/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 612/2009, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mhux se jingħataw rifużjonijiet għal prodotti li huma użati bħala oġġetti ekwivalenti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 114(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2913/92.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1085/2010

tal-25 ta' Novembru 2010

li jistabbilixxi kwoti tariffarji annwali u mod għall-ġestjoni tagħhom għall-importazzjoni tal-patata ħelwa, tal-manjoka, tal-lamtu tal-manjoka u ta' prodotti oħra rilevanti għal kodiċijiet NM 0714 90 11 u NM 0714 90 19 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1000/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Nation la Plus Favorisée) fis-seħħ imnaqqas b'EUR 100 kull tunnellata.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1) u l-Artikolu 148 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Bħala riżultat tal-ftehimiet li ntlaħqu waqt in-negożjati kummerċjali multilaterali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), il-Kummissjoni stabbilixxiet lista ta' "CXL-Communautés européennes" (minn issa 'l quddiem "il-lista CXL") li tiġbor fiha l-konċessjonijiet li ngħataw. Din il-lista tobbliha lill-Unjoni biex tiftaħ ċerti kwoti tariffarji annwali għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0714 10 91, 0714 10 98, 0714 90 11 u 0714 90 19 li joriġinaw fl-Indoneżja, fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (iċ-Ċina) fpartijiet kontraenti oħra għall-WTO minbarra t-Tajlandja, u f'ċerti pajjiżi terzi mhux membri tal-WTO. Taħt daww il-kwoti d-dazju tad-dwana huwa limitat għal 6 % ad valorem. Dawn il-kwoti għandhom jinfetħu fuq bażi multiannwali u għandhom ikunu ġestiti mill-Kummissjoni.

(2) Il-lista CXL tobbliha wkoll lill-Unjoni biex tiftaħ żewġ kwoti tariffarji ta' bla dazju għal patata ħelwa li taq' taħt il-kodiċi NM 0714 20 90 favur iċ-Ċina u pajjiżi terzi oħra rispettivament, kif ukoll żewġ kwoti tariffarji għal lamtu tal-manjoka li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1108 14 00 favur pajjiżi terzi oħra.

(3) Il-Ftehim permezz ta' skambju ta' ittri dwar il-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIII tal-GATT ⁽²⁾ (minn issa 'l quddiem msejjaħ "il-ftehim mat-Tajlandja"), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE tat-13 ta' Mejju 1996, dwar il-konklużjoni tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet mat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIII tal-GATT ⁽³⁾ [traduzzjoni mhux uffiċjali], li jistipula l-ftuħ ta' kwota tariffarja annwali awtonoma addizzjonali tal-lamtu tal-manjoka ta' 10 500 tunnellata, li 10 000 minnhom huma allokati għat-Tajlandja. Id-dazju applikabbli huwa uguali għal dak tan-nazzjon l-iktar vantaġġat (dazju NPF – droit de la

(4) Attwalment, ir-regoli dwar l-implimentazzjoni għall-ġestjoni ta' dawn il-kwoti tariffarji kollha flimkien, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-kwoti" huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2402/96 tas-17 ta' Diċembru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffa annwali għal patata ħelwa u karboidrat manjoka [il-lamtu tal-manjoka] ⁽⁴⁾, kif ukoll bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2008 tal-15 ta' Jannar 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji annwali għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0714 10 91, ex 0714 10 98, 0714 90 11 u 0714 90 19 li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi minbarra t-Tajlandja ⁽⁵⁾.

(5) L-użu tal-prinċipju "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel" irriżulta pożittiv f'setturi agrikoli oħra, u għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni amministrattiva, jeħtieġ li dawn il-kwoti jiġu ġestiti skont il-metodu indikat fl-Artikolu 144(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Dan għandu jsir skont l-Artikoli 308(a), 308(b) u 308(c)(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽⁶⁾.

(6) Minħabba l-partikolaritajiet marbutin mat-trasferiment minn sistema ta' amministrazzjoni għall-oħra, l-Artikolu 308(c)(2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 m'għandux japplika għall-perjodu ta' kwota li jibda mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011.

(7) Fil-każ tal-patata ħelwa, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn patata ħelwa maħsuba għall-konsum uman u prodotti oħra; għalhekk huwa xieraq li jiġi definit il-mod ta' kif tiġi ppreżentata u ppakkjata l-patata ħelwa maħsuba għall-użu imsemmi hawn fuq u li taq' taħt il-kodiċi NM 0714 20 10 u prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-preżentazzjoni u tal-ippakkjar kif definiti jitqiesu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0714 20 90.

(8) Huwa meħtieġ li tinżamm sistema ta' ġestjoni li tiżgura li prodotti li joriġinaw mill-Indoneżja, miċ-Ċina u mit-Tajlandja biss jistgħu jiġu importati skont il-kwoti allokati lil dawn il-pajjiżi. Għandu jkun ikkjarifikat liema tip ta' prova li tiċċertifika l-oriġini tal-prodotti għandha tiġi pprovduta biex wieħed jibbenefika mill-kwoti tariffarji taħt is-sistema ta' "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel".

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 122, 22.5.1996, p. 16.⁽³⁾ ĠU L 122, 22.5.1996, p. 15.⁽⁴⁾ ĠU L 327, 18.12.1996, p. 14.⁽⁵⁾ ĠU L 13, 16.1.2008, p. 3.⁽⁶⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

- (9) Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96 u (KE) Nru 27/2008, għandhom jitħassru u jinbidlu b'Regolament ġdid. Madankollu huwa xieraq li r-Regolamenti imsemmija jinżammu applikabbli għal-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa għall-perjodi tal-kwota tal-importazzjoni ta' qabel daww koperti b'dan ir-Regolament.
- (10) Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1, 2 u 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1000/2010 tat-3 ta' Novembru 2010 li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96, (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 27/2008, (KE) Nru 1067/2008 u (KE) Nru 828/2009 f'dak li għandu x'jaqsam mad-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-forniment tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-2011 fil-qafas tal-kwoti tariffarji relatati mal-patata ħelwa, il-lamtu tal-manjoka, il-manjoka, iċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor u ż-żejt taż-żebuga, li jidderogaw mir-Regolamenti (KE) Nru 382/2008, (KE) Nru 1518/2003, (KE) Nru 596/2004, (KE) Nru 633/2004 u (KE) Nru 951/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mad-dati tal-forniment tal-liċenzji tal-esportazzjoni għall-2011 fis-setturi tal-laħam taċ-ċanga, tal-majjal, tal-bajd, tal-laħam tat-tjur, u taz-zokkor u tal-isoglukożju għajr għall-kwoti⁽¹⁾ li ma għadhomx japplikaw minħabba t-trasferiment tal-ġestjoni ta' dawn il-kwoti għas-sistema ta' "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel" stipulata fl-Artikolu 144(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Jeħtieġ għalhekk li jitħassru.
- (11) Il-miżuri stipulati b'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieċ agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jiftaħ il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni stipulati fl-Anness. Dawn il-kwoti għandhom jiġu ġestiti abbażi ta' sena kalendarja, li tibda mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 2

Il-kwoti indikati fl-Anness għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. L-Artikolu 308(c)(2) u (3), tar-Regolament imsemmi ma għandux

japplika għall-perjodu ta' kwota li jibda mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 3

Il-benefiċċju tal-kwoti tariffarji bin-numru tas-serje 09.0125, 09.0126 jew 09.0124 u 09.0127 indikati fl-Anness għal prodotti li joriġinaw mit-Tajlandja, mill-Indoneżja jew mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, rispettivament, għandu jkun bil-kundizzjoni tal-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-orijini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikoli 55 sa 65 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 4

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hija meqjusa bħala prodott maħsub għall-konsum uman fi ħdan il-kodiċi NM 0714 20 10 il-patata ħelwa, friska, u sħiħa imqiegħda f'imballaġġi immedjati, filwaqt li jsiru l-formalitajiet tad-dwana għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw biss għal patata ħelwa li mhix maħsuba għall-konsum uman skont it-tifsira stipulata fil-paragrafu 1.

3. "Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-prodotti bil-kodiċi NM ex 0714 10 98 huma daww il-prodotti miksuba minn dqiq jew smida li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0714 10 98."

Artikolu 5

Ir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96 u (KE) Nru 27/2008 huma mħassra. Madankollu, ikomplu japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2011 u sal-iskadenza tagħhom.

Artikolu 6

Fir-Regolament (KE) Nru 1000/2010, l-Artikoli 1, 2 u 3 huma mħassra.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Vċi-President

⁽¹⁾ ĠU L 290, 6.11.2010, p. 26.

ANNEX

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata li tkun indikattiva biss. L-ambitu tal-applikazzjoni tal-kwoti, fil-qafas ta' dan l-Anness, huwa determinat mill-iskop tal-kodiċijiet NM kif jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

Numru tas-serje	Kodiċijiet NM/Prodott	Orìġini	Dazju doganali	Kwota tariffarja annwali (ftunnellati, piż nett)
09.0124	0714 20 90 Patata ħelwa maħsuba għal skopijiet li mhumiex il-konsum mill-bniedem	Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Bla dazju	600 000
09.0125	1108 14 00 Lamtu tal-manjoka	It-Tajlandja	Id-dazju applikabbli huwa ugwali għak dak tan-nazzjon l-iktar vantaġġat (dazju MFN) fis-seħħ imnaqqas b'EUR 100 kull tunnellata.	10 000
09.0126	0714 10 91, ex 0714 10 98, 0714 90 11 0714 90 19 Manjoka u għeruq tal-ararut, u tas-salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu	L-Indoneżja	6 % ad valorem	825 000
09.0127	0714 10 91, ex 0714 10 98, 0714 90 11 0714 90 19 Manjoka u għeruq tal-ararut, u tas-salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu	Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	6 % ad valorem	350 000
09.0128	0714 10 91, ex 0714 10 98, 0714 90 11 0714 90 19 Manjoka u għeruq tal-ararut, u tas-salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu	Pajjiżi terzi membri tal-WTO bl-eċċezzjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, it-Tajlandja u l-Indoneżja	6 % ad valorem	145 590
09.0130	0714 10 91, 0714 90 11 Manjoka u għeruq tal-ararut, u tas-salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu	pajjiżi terzi li mhumiex membri tal-WTO	6 % ad valorem	2 000
09.0129	0714 10 91, ex 0714 10 98, 0714 90 11 0714 90 19 Manjoka u għeruq tal-ararut, u tas-salep u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu	pajjiżi terzi li mhumiex membri tal-WTO	6 % ad valorem	30 000

Numru tas-serje	Kodiċijiet NM/Prodott	Oriġini	Dazju doganali	Kwota tariffarja annwali (ftunnellati, piż nett)
09.0131	0714 20 90 Patata ħelwa maħsuba għal skopijiet li mhumiex il-konsum uman	Pajjiżi terzi minbarra r-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Bla dazju	5 000
09.0132	1108 14 00 Lamtu tal-manjoka	Il-pajjiżi terzi kollha	Id-dazju applikabbli huwa ugwali għak dak tan-nazzjon l-iktar vantaġġat (dazju MFN) fis-seħħ imnaqqas b'EUR 100 kull tunnellata.	10 500

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1086/2010**tal-25 ta' Novembru 2010****li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta' Novembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	50,2
	EC	92,0
	MA	76,9
	MK	48,2
	ZZ	66,8
0707 00 05	AL	54,8
	EG	150,8
	TR	64,9
	ZZ	90,2
0709 90 70	MA	70,3
	TR	115,5
	ZZ	92,9
0805 20 10	MA	71,9
	ZZ	71,9
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	HR	60,7
	IL	72,5
	MA	61,9
	TR	61,4
	UY	58,6
	ZZ	63,0
0805 50 10	AR	65,2
	MA	68,0
	TR	62,7
	UY	57,1
	ZA	51,7
	ZZ	60,9
0808 10 80	AR	74,9
	AU	167,9
	BR	50,3
	CA	113,1
	CL	84,2
	CN	67,1
	MK	24,7
	NZ	139,2
	US	92,1
	ZA	114,5
	ZZ	92,8
0808 20 50	CL	78,3
	CN	85,8
	ZZ	82,1

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1087/2010**tal-25 ta' Novembru 2010****li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet

għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ⁽³⁾. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1083/2010 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fidejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta' Novembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 309, 25.11.2010, p. 3.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mis-26 ta' Novembru 2010

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 ⁽¹⁾	58,48	0,00
1701 11 90 ⁽¹⁾	58,48	0,00
1701 12 10 ⁽¹⁾	58,48	0,00
1701 12 90 ⁽¹⁾	58,48	0,00
1701 91 00 ⁽²⁾	53,26	1,49
1701 99 10 ⁽²⁾	53,26	0,00
1701 99 90 ⁽²⁾	53,26	0,00
1702 90 95 ⁽³⁾	0,53	0,20

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/81/UE

tal-25 ta' Novembru 2010

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-estensjoni tal-użu tas-sustanza attiva 2-fenilfenol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Is-sustanza 2-fenilfenol kienet inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/160/UE⁽²⁾, bid-dispożizzjoni speċifika li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw biss użu fuq ġewwa, bħala fungicida għal wara l-ħsad, fi kmamar għat-tixrib magħluqin.

(2) Fit-18 ta' Ġunju 2010, in-notifikatur ressaq informazzjoni dwar tekniki oħra ta' applikazzjoni bħalma huwa t-trattament bix-xema', it-trattament tal-immersjoni u dak tal-protezzjoni tal-foam, u dan sabiex titneħħa r-restrizzjoni għal kmamar għat-tixrib magħluqin.

(3) Spanja, li kienet inħatret l-Istat Membru relatur bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004⁽³⁾, evalwat l-informazzjoni addizzjonali u fit-30 ta' Lulju 2010 ressaqet lill-Kummissjoni addendum għall-abbozz ta' rapport ta' stima dwar it-2-fenilfenol, li kien iċċirkolat għal reazzjoni lill-Istati Membri l-oħra u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA). Fil-kummenti li waslu ma tqajmux oġġezzjonijiet kbar u l-Istati Membri l-oħra u l-EFSA ma semmew ebda punt li jista' jeskludi l-estensjoni tal-użu. L-abbozz tar-rapport ta' stima, flimkien ma' dak l-addendum, ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġie ffinalizzat fit-28 ta' Ottubru 2010 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għat-2-fenilfenol.

(4) L-informazzjoni l-ġdida dwar it-tekniki ta' applikazzjoni mressqa min-notifikatur u l-istima ġdida magħmula mill-Istat Membru relatur jindikaw li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom it-2-fenilfenol jistgħu jkunu mistennija, b'mod ġenerali, li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, partikolarment għall-użi fuq ġewwa bħala fungicida għal wara l-ħsad li kienu ġew eżaminati u analizzati fid-dettall fir-rapport tar-reviżjoni tal-Kummissjoni. Konsegwentement, ma għadx baqa' l-bżonn li l-użu tat-2-fenilfenol jiġi ristrett għall-kmamar għat-tixrib magħluqin, kif inhu stipulat fid-Direttiva 91/414/KEE kif emendata mid-Direttiva 2009/160/UE.

(5) Bla ħsara għal din il-konklużjoni, huwa opportun li jinkiseb iktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi suġġetta għal xi kundizzjonijiet. Għaldaqstant, huwa f'loku li n-notifikatur jintalab iressaq informazzjoni addizzjonali biex jikkonferma l-livelli ta' residwu li jokkorru riżultat ta' tekniki ta' applikazzjoni oħra għajr dawk fil-kmamar għat-tixrib.

(6) Barra minn dan, huwa f'loku wkoll li l-Istati Membri jintalbu jagħtu attenzjoni partikolari lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u li jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat.

(7) Għaldaqstant, huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 338, 19.12.2009, p. 83.

⁽³⁾ ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, ir-ringiela 305 hi sostitwita b'dan li ġej:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem skont l-IUPAC	Purità (*)	Id-dħul fis-seħħ	Skadenza tal-inklużjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"305	2-Fenilfenol (inkluż il-melħ tiegħu, bħall-melħ sodju) Nru tal-CAS 90-43-7 Nru tas-CIPAC 246	<i>bifenil-2-ol</i>	≥ 998 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2010.	fil-31 ta' Diċembru 2019.	PARTI A Jista' jkun awtorizzat biss l-użu bħala fungicida ta' wara l-ħsad għal użu fuq ġewwa. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-2-fenilfenol, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali fis-27 ta' Novembru 2009, u emendat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali tat-28 ta' Ottubru 2010. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat; — li jdaħħlu fis-seħħ prattiki xierqa ta' ġestjoni tal-iskart biex tiġi mmaniġġata s-soluzzjoni għar-rimi li tifdal wara l-applikazzjoni, inkluż l-ilma tat-tindif tat-tixrib u sistemi ta' applikazzjoni oħrajn. L-Istati Membri li jippermettu r-rilaxx tal-ilma użat fis-sistema tad-drenaġġ għandhom jiżguraw li ssir valutazzjoni lokali tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur jippreżenta lill-Kummissjoni: — aktar tagħrif dwar il-potenzjal ta' tnaqqis ta' pigmentazzjoni fil-ġilda għall-ħaddiema u għall-konsumaturi minħabba l-possibbiltà tal-espożizzjoni għall-metabolit 2-phenylhydroquinone (PHQ) fuq il-qoxra taċ-ċitru; — aktar tagħrif li jikkonferma li l-metodu analitiku li ġie applikat fil-provi għar-residwi jikkwantifika korrettament ir-residwi tat-2-phenylphenol, PHQ u l-konjugati tagħhom. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikatur jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2011. Għaldaqstant, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur iressaq informazzjoni addizzjonali biex jikkonferma l-livelli ta' residwu li jokkorru riżultat ta' tekniki ta' applikazzjoni oħra għajr dwak fil-kmamar imxarrba. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikatur jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2012."

(*) Iżjed dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva huma provduti fir-rapport tar-reviżjoni.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Novembru 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2004/4/KE li tawtorizza Stati Membri li temporanjament jieħdu miżuri ta' emerġenza kontra t-tixrid ta' *Pseudomonas solanacearum* (Smith) Smith fir-rigward tal-Eġittu

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8185)

(2010/714/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

qerrieda" ġie mitigat biżżejjed, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi indikati fid-Deċiżjoni 2004/4/KE.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

- (4) Għalhekk, id-dħul fl-Unjoni ta' tuberi tas-*Solanum tuberosum* L., li joriġinaw minn "żoni fl-Eġittu ħielsa minn insetti jew annimali qerrieda", għandu jiġi permess għall-istaġun tal-importazzjoni 2010/2011.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tagħha,;

- (5) Id-Deċiżjoni 2004/4/KE stabbilixxiet li kellha tiġi riveduta sat-30 ta' Settembru 2010. Fid-dawl tas-sejbiet imsemmija hawn fuq, id-data ta' skadenza għar-reviżjoni għandha tiġi estiża.

Billi:

- (6) Id-Deċiżjoni 2004/4/KE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/4/KE⁽²⁾, it-tuberi tas-*Solanum tuberosum* L., li joriġinaw fl-Eġittu, bħala prinċipju ma għandhomx jiddaħħlu fl-Unjoni. B'mod konformi ma' possibbiltà ta' deroga minn dik id-Deċiżjoni, id-dħul ta' tali tuberi fl-Unjoni ġie permess minn "żoni ħielsa minn insetti jew annimali qerrieda" u kien soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi fis-snin preċedenti, inkluż l-istaġun tal-importazzjoni 2009/2010.

- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/4/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

- (2) Matul l-istaġun tal-importazzjoni 2009/2010 ġiet irreġistrata interċettazzjoni waħda biss ta' *Pseudomonas solanacearum* (Smith) Smith fl-Unjoni.
- (3) Kif mitlub mill-Eġittu u fid-dawl tal-informazzjoni miġbħuta minnu, il-Kummissjoni stabbilixxiet li r-riskju li jinxtered il-*Pseudomonas solanacearum* (Smith) Smith mad-dħul fl-Unjoni ta' tuberi tas-*Solanum tuberosum* L. minn "żoni fl-Eġittu ħielsa minn insetti jew annimali

1. Fl-Artikolu 2 (1), "2009/2010" għandu jiġi sostitwit bi "2010/2011".

2. Fl-Artikolu 4, "31 ta' Awwissu 2010" għandu jiġi sostitwit bi "31 ta' Awwissu 2011".

3. Fl-Artikolu 7, "30 ta' Settembru 2010" għandu jiġi sostitwit bi "30 ta' Settembru 2011".

(¹) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

(²) ĠU L 2, 6.1.2004, p. 50.

4. L-Anness għandu jiġi emendat kif ġej:

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

(a) fil-punt 1(b)(iii), “2009/2010” għandu jiġi sostitwit bi
“2010/2011”;

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2010.

(b) fit-tieni inċiż tal-punt 1(b)(iii), “1 ta' Jannar 2010” għandu
jiġi sostitwit bi “1 ta' Jannar 2011”;

Għall-Kummissjoni

(c) fil-punt 1(b)(xii), “1 ta' Jannar 2010” għandu jiġi sostitwit
bi “1 ta' Jannar 2011”.

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Novembru 2010

li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-Fosfat Ferruż tal-Ammonju bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8191)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2010/715/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Ottubru 2008, il-kumpanija Cantox Health Sciences International ressqet talba fisem Nestec Ltd. lill-awtoritajiet kompetenti fl-Irlanda biex tkun tista' tpoġġi l-Fosfat Ferruż tal-Ammonju fis-suq bħala ingredjent ġdid tal-ikel.
- (2) Fl-20 ta' Novembru 2008, il-korp kompetenti Irlandiż għall-analiżi tal-ikel ħareġ ir-rapport tal-istima preliminariju tiegħu. F'dan ir-rapport wasal għall-konklużjoni li kienet meħtieġa analiżi oħra.
- (3) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri kollha dwar din it-talba fit-23 ta' Diċembru 2008. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel (EFSA) intalbet twettaq l-analiżi fit-28 ta' April 2009.
- (4) Fl-14 ta' April 2010, wara talba mingħand il-Kummissjoni, l-EFSA adottat opinjoni ⁽²⁾ dwar is-sikurezza tal-Fosfat Ferruż tal-Ammonju bħala sors ta' ħadid li jiżdied mal-ikel għall-pubbliku ġenerali għal għanijiet nutrittivi (inkluż fis-supplimenti tal-ikel) u jiżdied mal-ikel ta' użu nutrittiv speċjalizzat. F'din l-opinjoni, l-EFSA kkonkludiet li fil-livelli proposti għall-użu tiegħu, il-Fosfat Ferruż tal-Ammonju ma għandux iqajjem tħassib għas-sikurezza sakemm ma jinqabżux il-limiti massimi tas-sigurtà fil-konsum tal-ħadid.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009 tat-13 ta' Ottubru 2009 dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi ⁽³⁾ fl-oġġetti tal-ikel għal

użi nutrittivi partikolari, id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel ⁽⁴⁾ u/jew ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel ⁽⁵⁾ jistabbilixxu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-użu ta' vitamini, minerali u sustanzi oħra fl-ikel. L-użu tal-Fosfat Ferruż tal-Ammonju għandu jkun awtorizzat mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet ta' din il-leġiżlazzjoni.

- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Fosfat Ferruż tal-Ammonju bħala sors ta' ħadid kif speċifikat fl-Anness jista' jitpoġġa fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent ġdid tal-ikel biex jintuża fl-ikel mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (KE) Nru 953/2009, tad-Direttiva 2002/46/KE u/jew tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006.

Artikolu 2

L-indikazzjoni tal-ingredjent il-ġdid tal-ikel awtorizzat b'din id-Deċiżjoni li se tintwera fuq l-imballaġġ tal-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent se tkun "Fosfat Ferruż tal-Ammonju".

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Nestec Ltd, Avenue Nestlé 55, CH-1800 Vevey, l-Isvizzera.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

⁽²⁾ Il-Ġurnal tal-EFSA 2010, 8(5): 1584.

⁽³⁾ ĠU L 269, 14.10.2009, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.

⁽⁵⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

ANNEX


L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-FOSFAT FERRUŻ TAL-AMMONJU

Deskrizzjoni: Il-Fosfat Ferruż tal-Ammonju huwa forma ta' terra rqiqa griża tagħti fl-aħdar li ma tinħallx fl-ilma iżda tinħall fl-aċidi minerali miżjudin bl-ilma.

Nru CAS: 10101-60-7

Formula Kimika: FeNH_4PO_4

Formula Strutturali:

**L-ispeċifikazzjonijiet Kimiċi tal-Fosfat Ferruż tal-Ammonju:**

pH ta' 5 % suspensjoni fl-ilma	6,8 sa 7,8
Hadid (total)	mhux inqas minn 28 %
Hadid (II)	22 % sa 30 % (w/w)
Hadid (III)	mhux iżjed minn 7 % (w/w)
Ammonja	5 % sa 9 % (w/w)
Ilma	mhux iżjed minn 3 %

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Huma biss it-testi UN/ECE oriġinali li għandhom effett ġuridiku skont id-dritt pubbliku internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus UN/ECE TRANS/WP.29/343, disponibbli fis-sit: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29docstts.html>

Ir-Regolament Nru 64 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tagħhom li jista' jinkludi: stepni għall-użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat u/jew sistema ta' monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:

serje ta' emendi 02 – Data tad-dħul fis-seħħ: 19 ta' Awwissu 2010

Rettifika 1 għas-sensiela ta' emendi 02 – Data tad-dħul fis-seħħ: 19 ta' Awwissu 2010

WERREJ

REGOLAMENT

1. Ambitu
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet u testijiet
6. Tagħrif supplementari
7. Modifiki u estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura
8. Konformità tal-produzzjoni
9. Penali għan-nuqqas tal-konformità tal-produzzjoni
10. Produzzjoni definittivament imwaqqa
11. Ismijiet u indirizzi tad-dipartimenti tekniċi responsabbli għat-twettiq ta' testijiet tal-approvazzjoni, u tad-dipartimenti amministrattivi
12. Dispożizzjonijiet tranżitorji

ANNESI

Anness 1 – Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni (jew iċ-ċaħda jew l-estensjoni jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew produzzjoni definittivament imwaqqa) ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tagħha, b'konformità mar-Regolament Nru 64

Anness 2 – Arranġamenti tal-marki ta' approvazzjoni

Anness 3 – Test tal-ibbrejjar u tad-devjazzjoni għal vetturi mġhamra b'apparat ta' riżerva għal użu temporanju

Anness 4 – Rekwiżiti għat-test għal Sistema ta' Twissija ta' Run-Flat (RFWS)

Anness 5 – Testijiet għal Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Pessjoni tat-Tajers TPMS

1. AMBITU

Dan ir-Regolament japplika għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategorija M₁ u N₁ ⁽¹⁾ meta jkun mgħammar bi

- (a) unità ta' stepni għal użu temporanju, u/jew
- (b) tajers run-flat u/jew sistema run-flat, u/jew
- (c) sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers ⁽²⁾

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, unitajiet ta' stepnis sostituti fil-forma ta' tajers run-flat jew sistema run-flat f'kundizzjoni ta' tajer imniżżel kompletament, għandhom jitqiesu qishom unitajiet ta' stepnis għall-użu temporanju kif definit fil-paragrafu 2.10 tar-Regolament.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

- 2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tagħha kontra użu mhux awtorizzat;
- 2.2. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi li mhumix differenti fir-rigward ta' aspetti essenzjali bħalma huma:
 - 2.2.1. "Tip ta' vettura fir-rigward tal-unità ta' stepni għall-użu temporanju":
 - 2.2.1.1. it-tagħbijiet massimi tal-assi tal-vettura, kif definit mill-paragrafu 2.12,
 - 2.2.1.2. il-karatteristiċi tal-unità tal-istepni għal użu temporanju,
 - 2.2.1.3. il-metodu ta' sewqan (roti ta' quddiem, roti ta' wara, erba' roti),
 - 2.2.1.4. is-sospensjoni,
 - 2.2.1.5. is-sistema tal-ibbrejtkjar,
 - 2.2.1.6. id-daqs tar-rota/daqs tat-tajers;
 - 2.2.1.7. l-offset tar-rota.
 - 2.2.2. "Tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers tagħha":
 - 2.2.2.1. l-isem jew il-marka kummerċjali tal-manifattur,
 - 2.2.2.2. karatteristiċi tal-vettura li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti r-rendimenti tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers,
 - 2.2.2.3. it-tip u d-disinn tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers
- 2.3. "Rota" tfisser rota kompluta magħmula minn rim u diska tar-rota;
 - 2.3.1. "Id-denominazzjoni tad-daqs tar-rota" tfisser denominazzjoni li tinkludi tal-inqas id-dijametru tar-rim nominali, il-wisgħa tar-rim nominali u l-profil tar-rim;
 - 2.3.2. "L-offset tar-rota" tfisser id-distanza mill-wiċċ tal-appoġġ tal-buttun sal-linja taċ-ċentru tar-rim.

⁽¹⁾ Kif definit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (TRANS/WP.29/78/Rev.1/Amend.2 kif emendat l-aħħar bl-Emenda 4).

⁽²⁾ Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M₁ sal-massa massima ta' 3 500 kg u N₁, fiż-żewġ każijiet li huma bil-fusijiet kollha mgħammra ma' tajers singoli.

- 2.4. “Tajer” tfisser tajer pnevmatiku, li huwa kopertura flessibbli rinforzata li tkun mgħammra bi, jew flimkien mar-rota li tkun mqabbda magħha, tiffirma kamra magħluqa li jkun fiha gass (normalment arja) jew gass u likwidu, kontinwu u essenzjalment torojdali, li normalment ikun maħsub li jintuża fi pressjoni iktar qawwija mill-pressjoni atmosferika. Dan jista’ jkun:
- 2.4.1. “Tajer normali” li huwa tajer li jkun adatt għall-kundizzjonijiet ta’ użu normali kollha fit-triq;
- 2.4.2. “Stepni għall-użu temporanju” li huwa tajer li huwa maħsub speċifikament li jkun differenti minn tajer normali u maħsub biss għal użu temporanju taħt kundizzjonijiet ta’ sewqan ristretti;
- 2.4.3. “Tajer run flat” jew “Tajer li jżomm waħdu” jiddeskrivi struttura ta’ tajer pnevmatiku mgħammar bi kwalunkwe soluzzjonijiet tekniċi (pereżempju, għub imsaħħa, eċċ.) li jippermettu lit-tajer pnevmatiku, imqabbad mar-rota kif suppost u fin-nuqqas ta’ kwalunkwe komponent supplimentari, li jforni lill-vettura bil-funzjonijiet bażiċi ta’ tajer, tal-inqas, f’veloċità ta’ 80 km/h (50 mph) u distanza ta’ 80 km meta jopera f’modalità ta’ sewqan b’panċer;
- 2.4.4. “Sistema run flat” jew “Sistema ta’ mobilità estiża” tiddeskrivi assemblaġġ ta’ komponenti dipendenti b’funzjonalità speċifikata, inkluż tajer, li flimkien jipprovdu rendiment speċifikat li jagħti lill-vettura l-funzjonijiet ta’ tajer bażiku, tal-inqas, b’veloċità ta’ 80 km/h (50 mph) u distanza ta’ 80 km meta tkun qed topera f’modalità ta’ sewqan b’panċer.
- 2.5. “Modalità ta’ sewqan b’panċer” tiddeskrivi stat ta’ tajer, li essenzjalment iżomm l-integrità strutturali tiegħu, filwaqt li jopera bi pressjoni ta’ inflazzjoni bejn 0 u 70 kPa.
- 2.6. “Funzjoni bażika ta’ tajer” tfisser il-kapaċità normali ta’ tajer minfuħ biex jiflaħ tagħbija partikolari sa veloċità partikolari u jitttrażmetti s-sewqan, l-istering u l-forzi tal-ibbrejkar sal-art li tkun miexja fuqha.
- 2.7. “Denominazzjoni tad-daqs tat-tajer” tfisser kumbinazzjoni ta’ ċifri li jidentifikaw unikament id-daqs ġeometriku tat-tajer, li jinkludi il-wisgħa tas-sezzjoni nominali, il-proporzjon tal-aspett nominali u d-dijametru nominali. Definizzjonijiet preċiżi ta’ dawn il-fatturi jistgħu jinstabu fir-Regolament Nru 30.
- 2.8. “Struttura ta’ tajer” tfisser il-karatteristiċi tekniċi ta’ karkassa tat-tajer. Din l-istruttura tista’ tkun djaġonali jew imsallba, djaġonali ċinturata, radjali jew run flat, kif speċifikat ulterjorment fir-Regolament Nru 30.
- 2.9. “Unità ta’ stepni standard” tfisser assemblaġġ ta’ rota u tajer identiċi f’termini ta’ denominazzjoni jiet ta’ daqs tar-rota u t-tajer, offset tar-rota u struttura tat-tajer għal dak mgħammar fl-istess pożizzjoni tal-assi u l-mudell jew il-verżjoni partikulari tal-vettura għal tħaddim normali. Dan jinkludi l-każ ta’ rota li tkun prodotta minn materjal differenti, pereżempju, liega tal-azzar flok tal-aluminju, li tista’ tuża disinji differenti ta’ skorfini u firrolli li jorbtu r-rota imma li minbarra dan huma identiċi għar-rota maħsuba għal tħaddim normali.
- 2.10. “Unità ta’ stepni għal użu temporanju” tfisser assemblaġġ ta’ kwalunkwe rota u tajer li ma tidħolx fl-ambitu tat-tifsira ta’ “Unità ta’ stepni standard” fil-paragrafu 2.9. Unitajiet ta’ stepni għal użu temporanju jistgħu jkunu tat-tipi li ġejjin:
- 2.10.1. Tip 1
- Assemblaġġ fejn it-tajer ikun stepni għal użu temporanju kif definit fil-paragrafu 2.4.2;
- 2.10.2. Tip 2
- Assemblaġġ fejn ir-rota jkollha offset differenti minn dak tar-rota mwaħħla fl-istess pożizzjoni tal-fus għal operat normali tal-vettura;
- 2.10.3. Tip 3
- Assemblaġġ fejn it-tajer ikun ta’ struttura differenti minn dak imwaħħal fl-istess pożizzjoni tal-fus għal operat normali tal-vettura;

2.10.4. Tip 4

Assemblaġġ fejn tajer ikun tajer normali kif definit fil-paragrafu 2.4.1 imma fejn id-denominazzjoni tad-daqs tar-rota jew tat-tajer jew it-tnejn, iwarjaw minn dawk tar-rota jew tat-tajer imwahnha fl-istess pożizzjoni tal-fus għall-operat normali tal-vettura;

2.10.5. Tip 5

Assemblaġġ fejn unità ta' rota u tajer kif definita fil-paragrafu 2.4.3 jew 2.4.4 ikun imwahnha mal-vettura għal użu normali u fit-tul fit-triq, imma f'każ ta' emerġenza jintuża f'kundizzjoni kompletament imniżżel;

2.11. "Massa massima" tfisser il-valur massimu tal-vettura ddikjarat mill-manifattur li hija teknikament permissibbli (din il-massa tista' tkun ogħla mill-"massa massima permissibbli" stipulata mill-amministrazzjoni nazzjonali);

2.12. "Tagħbija massima tal-fus" tfisser il-valur massimu, kif indikat mill-manifattur, tal-forza vertikali totali bejn l-uċuħ ta' kuntatt tat-tajers jew tracks ta' fus wieħed u l-art u li jirriżulta mill-parti tal-massa tal-vettura appoġġjata minn dak il-fus; din it-tagħbija tista' tkun ogħla mit-"tagħbija awtorizzata tal-fus" stipulata mill-amministrazzjoni nazzjonali. Is-somma tat-tagħbijiet tal-fus tista' tkun ogħla mill-valur li jikkorrispondi għall-massa totali tal-vettura;

2.13. "Sistema ta' Twissija ta' Run-Flat" - tiddekrivi sistema li twassal l-informazzjoni lis-sewwieq li tajer qiegħed jopera fil-modalità ta' fejn jibqa' għaddej minkejja panċer.

2.14. "Sistema għal Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers (TPMS)" tfisser sistema mgħammra f'vettura, li tkun tista' tikkalkula l-pressjoni tal-inflazzjoni tat-tajers jew il-varjazzjoni ta' din il-pressjoni tal-inflazzjoni matul il-ħin u li tittrażmetti informazzjoni korrispondenti lill-utent waqt li l-vettura tkun għaddejja.

2.15. "Pressjoni tal-inflazzjoni tat-tajer kiesaħ" tfisser il-pressjoni tat-tajer f'temperatura ambjentali, fin-nuqqas ta' kwalunkwe akkumulazzjoni ta' pressjoni mill-użu tat-tajer.

2.16. "Pressjoni ta' inflazzjoni kiesħa rakkomandata (P_{rec})" tfisser il-pressjoni rakkomandata għal kull pożizzjoni tat-tajer mill-manifattur tal-vettura, għall-kundizzjonijiet ta' servizz intenzjonati (eż. veloċità u tagħbija) tal-vettura kkonċernata, kif definit fil-plakard tal-vettura u/jew fil-manwal tal-proprjetarju tal-vettura.

2.17. "Pressjoni operattiva waqt l-użu (P_{warm})" tfisser il-pressjoni tal-inflazzjoni għal kull pożizzjoni tat-tajer elevata mill-pressjoni kiesħa (P_{rec}) b'effetti tat-temperatura matul l-użu tal-vettura.

2.18. "Pressjoni tat-test (P_{test})" tfisser il-pressjoni reali tat-tajer(s) magħżula għal kull pożizzjoni tat-tajer wara li jitniżżel matul il-proċedura tat-test.

2.19. "Tip ta' Sistema ta' Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers" tfisser sistemi li ma jvarjawx b'mod sinifikanti f'aspetti essenzjali bħal:

(a) il-prinċipju ta' operazzjoni;

(b) kull komponent li x'aktarx li jkollu influwenza sinifikanti fuq ir-rendiment tas-sistema kif speċifikat skont il-paragrafu 5.3 ta' dan ir-Regolament.

3. APPLIKAZZJONI GĦAL APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tiegħu b':

(a) unità ta' stepni għal użu temporanju (inkluż, fejn applikabbli, sistema ta' twissija ta' run-flat), u/jew


(b) sistema tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers

għandha tintbagħat mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu;

- 3.2. Din għandha tkun akkumpanjata, fi triplikati, minn deskrizzjoni tat-tip tal-vettura fir-rigward tal-affarijiet speċifikati fl-Anness 1 ma' dan ir-Regolament:
- 3.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip tal-vettura li trid tiġi approvata għandha tkun ippreżentata lill-Awtorità ta' Approvazzjoni tat-tip jew lis-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.
- 3.4. Id-Dipartiment Amministrattiv għandu jivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti sabiex jiġu żgurati kontrolli effettivi fuq il-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.
4. APPROVAZZJONI
- 4.1. Jekk il-vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-paragrafu 5 ta' hawn taħt, l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' vettura għandha tingħata.
- 4.1.1. Approvazzjoni tal-vettura fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati biss ma' unità ta' stepni għal użu temporanju għandha tingħata jekk il-vettura tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5.1 u 5.2.
- 4.1.2. Approvazzjoni tal-vettura fir-rigward unikament tad-dispożizzjonijiet relatati biss ma' sistemi ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għandha tingħata jekk il-vettura tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.
- 4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (fil-mument 02 li jikkorrispondu mas-serje ta' emendi 02) għandhom jindikaw is-serje tal-emendi li jinkorporaw l-emendi tekniċi ewlenin l-iktar reċenti li saru lir-Regolament fiż-żmien li nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassjenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura. Madankollu, varjanti tal-firxa tal-mudell li huma f'kategoriji separati fir-rigward tal-kriterji tal-paragrafu 2.2 jistgħu jkunu koperti mill-istess approvazzjoni tat-tip, sakemm ir-risultati tat-testijiet deskritti fil-paragrafi 5.2 u 5.3 ma jurux differenzi ewlenin.
- 4.3. Avviż dwar l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet fil-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formula li taqbel mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.
- 4.4. Għandu jkun hemm imwahaħ, f'post fejn jidher u li hu aċċessibbli malajr speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament marka ta' approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:
- 4.4.1. ċirku li jdur mal-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li tal-approvazzjoni ⁽¹⁾;
- 4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, segwit minn:
- 4.4.2.1. l-ittra "R" fil-każ ta' vetturi approvati skont il-paragrafu 4.1.1 biss.
- 4.4.2.2. l-ittra "P" fil-każ ta' vetturi approvati skont il-paragrafu 4.1.2 biss.


⁽¹⁾ 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Pajjiżi l-Baxxi, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Isvizzera, 15 (vakanti), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Bjelorussja, 29 għall-Estonja, 30 (vakanti), 31 għall-Bosnja-Herzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vakanti), 34 għall-Bulgarija, 35 (vakanti), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vakanti), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għal dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vakanti), 42 għall-Komunità Ewropea (l-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha li jużaw is-simbolu ECE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vakanti), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, 48 għal New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malasja, 53 għat-Tajlandja, 54 u 55 (vakanti), 56 għall-Montenegro, 57 (vakanti) u 58 għat-Tuneżija. Numri sussegwenti għandhom jingħataw lill-pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġika li fiha jirratifikaw jew jaċċedu mal-Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Parts li jistgħu Jitwahaħ u/jew Jintu żaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet dwar l-Għarfien Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija Abba żi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri hekk mogħtija għandhom ikunu kkomunikati mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

- 4.4.2.3. l-ittra "RP" fil-każ ta' vetturi approvati skont il-paragrafi 4.1.1 u 4.1.2.
- 4.4.3. sing u n-numru tal-approvazzjoni dwar id-dritt tal-markamenti preskritti fil-paragrafi 4.4.1 u 4.4.2.
- 4.5. Jekk il-vettura tkun konformi mat-tip ta' vettura approvata, skont wieħed jew aktar Regolamenti annessi ma' dan il-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu msemmi fil-paragrafu 4.4.1 m'għandux għalfejn ikun ripetut; f'dak il-każ, ir-Regolament u n-numri tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali għar-Regolamenti kollha li nġhatat l-approvazzjoni skonthom fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, għandhom jitqiegħdu f'kolonni wieqfa fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu preskritti fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.6. Il-marka tal-approvazzjoni trid tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.
- 4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-pjanċa tad-data tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.
- 4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' marki tal-approvazzjoni.
5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET U TESTIJIET
- 5.1. **Ġenerali**
- 5.1.1. Tajers inklużi għall-użu bħala parti mill-unità ta' stepni għal użu temporanju kif definit fil-paragrafu 2.10, għandu jkun approvat b'konformità mar-Regolament Nru 30.
- 5.1.2. Għall-vetturi li għandhom tal-inqas erba' roti, il-kapaċità ta' tagħbija tal-unità ta' stepni għal użu temporanju għandha tkun tal-inqas daqs nofs l-ogħla fost it-tagħbijiet massimi tal-fus tal-vettura; jekk l-użu tiegħu jkun ristrett għal fus speċifiku msemmi fl-istruzzjonijiet fil-paragrafu 6 hawn taħt, il-kapaċità tat-tagħbija tiegħu għandha tkun tal-inqas daqs nofs it-tagħbija massima ta' dak il-fus.
- 5.1.3. Il-veloċità tad-disinn tal-unità ta' stepni għall-użu temporanju għandha tkun ta' tal-inqas 120 km/h għat-tipi 1, 2 u 3.
- 5.1.4. Unità ta' stepni għal użu temporanju għandha turi l-karatteristiċi li ġejjin:
- 5.1.4.1. B'mod permanenti għandu jintwera simbolu ta' twissija ta' veloċità massima ta' 80 km/h b'konformità mad-dijagramma ta' hawn taħt fuq il-wiċċ ta' barra tar-rota f'post prominenti.



Fil-każ ta' vetturi maħsuba għall-bejgħ f'pajjiżi li jużaw unitajiet ta' kejl imperjali, għandu jintwera b'mod permanenti simbolu ta' twissija addizzjonali, identiku għal dak deskritt hawn fuq, ħlief li ċ-ċifra "80" għandha tinbidel b'"50" u l-kliem "km/h" jinbidel b'"mph", fuq il-wiċċ ta' barra tar-rota f'post prominenti.


Inkella għandu jintwera b'mod permanenti simbolu ta' twissija uniku konformi mad-dijagramma ta' hawn taħt fuq il-wiċċ ta' barra tar-rota f'post prominenti.



L-ittri kapitali għandhom ikunu għoljin tal-inqas 5 mm u n-numri "80" u "50" għandhom ikunu għoljin tal-inqas 20 mm bl-elementi li jiffurmaw kull karattru tan-numru jkun magħmul minn linji ta' h'xuna ta' tal-inqas 3 mm. It-test f'ittri żgħar għandu jkollu linji ta' tal-inqas 5 mm. It-test kollu għandu jkun magħluq ġo kaxxa u jkun fi sfond ta' kulur kontrastanti.


Ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għat-tipi 1, 2 u 3 ta' unitajiet ta' stepni għal użu temporanju kif definiti fil-paragrafi 2.10.1, 2.10.2 u 2.10.3.

- 5.1.4.1.1. B'mod permanenti għandu jintwera simbolu ta' twissija ta' veloċità massima ta' 120 km/h b'konformità mad-dijagramma ta' hawn taħt fuq il-wiċċ ta' barra tar-rota f'post prominenti.



Fil-każ ta' vetturi maħsuba għall-bejgħ f'pajjiżi li jużaw unitajiet ta' kejl imperjali, għandu jintwera b'mod permanenti simbolu ta' twissija addizzjonali, identiku għal dak deskritt hawn fuq, h'liel li ċ-ċifra "120" għandha tinbidel b'"75" u l-kliem "km/h" jinbidel b'"mph", fuq il-wiċċ ta' barra tar-rota f'post prominenti.

Inkella għandu jintwera b'mod permanenti simbolu ta' twissija uniku konformi mad-dijagramma ta' hawn taħt fuq il-wiċċ ta' barra tar-rota f'post prominenti.



L-ittri kapitali għandhom ikunu għoljin tal-inqas 5 mm u n-numri “120” u “75” għandhom ikunu għoljin tal-inqas 20 mm bl-elementi li jiffurmaw kull karattru tan-numru jkun magħmulin minn linji ta' ħxuna ta' tal-inqas 3 mm. It-test f'ittri żgħar għandu jkollu linji ta' tal-inqas 5 mm. It-test kollu għandu jkun magħluq ġo kaxxa u jkun fi sfond ta' kulur kontrastanti.

Ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għat-tip 4 tal-unitajiet ta' stepni għal użu temporanju kif definit fil-paragrafu 2.10.4 li jkun fornuta għall-użu fuq vettura tal-kategorija M₁.

- 5.1.4.2. Meta jitwahaħ mal-vettura għal użu temporanju l-wiċċ ta' barra tar-rota u/jew tajer għandu juri kulur jew arranġament ta' kuluri distint li huwa kjarament differenti mill-kulur(i) tal-unitajiet standard. Jekk ikun possibbli li tgħatti l-unità ta' stepni għal użu temporanju b'kopertura tar-roti, il-kulur jew arranġament ta' kuluri distint m'għandux jitgħatta minn din il-kopertura tar-roti.
- 5.1.5. Ħlief fil-każ ta' tajers run-flat/li jżommu waħedhom jew sistema run-flat/ ta' mobilità estiża, huwa permess li tkun fornuta unità ta' stepni għal użu temporanju mal-vettura.
- 5.1.6. Fil-każ tal-vetturi mgħammra b'tajers run-flat/li jżommu waħedhom jew sistema run-flat/ta' mobilità estiża, il-vettura għandha tkun mgħammra wkoll b'Sistema ta' Twissija ta' Run-Flat (definita fil-paragrafu 2.13) li kapaċi joperaw f'firxa ta' veloċità minn 40 km/h sal-veloċità massima ddisinjata għall-vettura u jissodisfa ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.1.6.1 sal-5.1.6.6. Madankollu, jekk il-vettura tkun mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ għall-pressjoni tat-tajers li tisso-disfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3, ma jkunx hemm bżonn li tkun mgħammra wkoll b'sistema ta' twissija ta' run-flat.
- 5.1.6.1. L-indikazzjoni tat-twissija għandha tkun permezz ta' sinjal ottiku ta' twissija isfar.
- 5.1.6.2. Is-sinjal ta' twissija għandu jkun attiv meta l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni “on” (run) (kontroll tal-bozza).
- 5.1.6.3. Għandu jkun hemm twissija indikata lis-sewwieq bit-tħaddim tas-sinjal ta' twissija msemmi fil-paragrafu 5.1.6.1 mhux aktar tard minn meta jinstab li tajer wieħed qiegħed fil-modalità ta' sewqan b'panċer.
- 5.1.6.4. Ħsara elettrika jew anomalija fis-sensuri li taffettwa s-Sistema ta' Twissija Run-Flat, inkluża ħsara tas-sors elettriku, il-provvista jew it-trażmissjoni tal-output signal, għandha tkun indikata lis-sewwieq b'sinjal ta' ħsara ottiku isfar tar-run flat. Jekk is-sinjal ta' twissija deskritt fil-paragrafu 5.1.6.1 jintuża biex jindika kemm tajer baxx kif ukoll malfunzjoni tas-SMPT, għandu japplika dan li ġej: meta l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni “on” (run) is-sinjal ta' twissija għandu jteptep biex jindika ħsara fis-sistema. Wara f'it żmien is-sinjal ta' twissija għandu jibqa' mixgħul il-ħin kollu sakemm iddum il-ħsara u sakemm l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni “on” (run). Is-sekwenza tat-teptep u tal-illuminazzjoni għandha tiġi ripetuta kull darba li l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni “on” (run) sakemm titrangà l-ħsara.
- 5.1.6.5. Meta s-sistema tkun qiegħda tiġi rrisettjata manwalment b'konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vettura, id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 5.1.6.3 u 5.1.6.4 ma japplikawx.
- 5.1.6.6. It-tħaddim tas-sinjal ta' twissija speċifikat fil-paragrafi 5.1.6.2 sa 5.1.6.4 għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness 4.

- 5.1.7. Jekk il-vettura tkun mgħammra b'unità ta' stepni għal użu teporanju f'kundizzjoni ta' tajer inniżżel, għandu jkun ipprovdut strument fuq il-vettura li jippermetti lit-tajer biex tintefaħ għall-pressjoni speċifikata għal użu temporanju f'mhux iktar minn 10 minuti.
- 5.2. **Test tal-ibbrejkar**
- 5.2.1. Vetturi maħsubin li jkunu mgħammra b'unitajiet ta' stepni għal użu temporanju jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.
- 5.3. **Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers (TPMS)**
- 5.3.1. *Rekwiżiti Ġenerali*
- 5.3.1.1. Bla ħsara għar-rekwiżiti tal-paragrafu 12, kwalunkwe vettura tal-kategoriji M₁ sa massa massima ta' 3 500 kg u N₁ fiż-żewġ każijiet bil-fusijiet kollha mgħammra ma' tajers singoli u mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers li jikkonformaw mad-definizzjoni tal-paragrafu 2.14 għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' rendiment li jinsabu fil-paragrafi 5.3.1.2 sa 5.3.5.5 hawn taħt u għandha tkun ittestjata b'konformità mal-Anness 5.
- 5.3.1.2. Kwalunkwe sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers mgħammra fuq vettura għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 10.
- 5.3.1.3. Is-sistema għandha taqdem minn veloċità ta' 40 km/h jew inqas, sal-veloċità massima pproġettata tal-vettura.
- 5.3.2. *Detezzjoni tal-pressjoni tat-tajer għal telfien ta' pressjoni relatata ma' inċident (test tal-panċer)*
- 5.3.2.1. It-TPMS għandha tkun ittestjata skont il-proċedura tat-test stabbilita fil-paragrafu 2.6.1 tal-Anness 5. Meta jkunu ttestjati skont din il-proċedura, it-TPMS għandha tillumina s-sinjal ta' twissija deskritt fil-paragrafu 5.3.5 mhux iktar minn 10 minuti wara li l-pressjoni operattiva waqt l-użu f'waħda mit-tajers tal-vettura tkun tnaqqset b'20 fil-mija jew tkun qiegħda f'pressjoni minima ta' 150 kPa, skont liema minnhom tkun l-oġhla.
- 5.3.3. *Detezzjoni għal livell tal-pressjoni tat-tajers sinifikament iktar baxx mill-pressjoni rakkomandata għal rendiment ottimali inkluż is-sikurezza u l-konsum tal-fjuwil (test ta' diffużjoni)*
- 5.3.3.1. It-TPMS għandha tkun ittestjata skont il-proċedura tat-test stabbilita fil-paragrafu 2.6.2 tal-Anness 5. Meta jkunu ttestjati skont din il-proċedura, it-TPMS għandha tixgħel is-sinjal ta' twissija deskritt fil-paragrafu 5.3.5 f'mhux iktar minn 60 minuti ta' ħin kumulattiv ta' sewqan wara li l-pressjoni operattiva waqt l-użu f'waħda mit-tajers tal-vettura, sa total massimu ta' erba' tajers, tkun tnaqqset b'20 fil-mija.
- 5.3.4. *Test għas-sejbien ta' ħsara*
- 5.3.4.1. It-TPMS għandha tkun ittestjata skont il-proċedura tat-test stabbilita fil-paragrafu 3 tal-Anness 5. Meta tkun ittestjata għal din il-proċedura t-TPMS għandha tillumina s-sinjal ta' twissija deskritt fil-paragrafu 5.3.5 mhux iktar minn 10 minuti wara li sseħħ il-ħsara li taffettwa l-ġenerazzjoni jew it-trażmissjoni tas-sinjali tal-kontroll u r-reazzjoni fis-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers tal-vettura. Jekk is-sistema titwaqqaf minn influwenza esterna (eż. ħoss tal-frekwenza tar-radju), il-ħin għas-sejba tal-ħsara jista' jiġi estiż.
- 5.3.5. *Indikazzjoni ta' twissija.*
- 5.3.5.1. L-indikazzjoni tat-twissija għandha tkun permezz ta' sinjal ottiku ta' twissija li jikkonforma mar-Regolament Nru 121.
- 5.3.5.2. Is-sinjal ta' twissija għandu jkun attiv meta l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni "on" (run) (kontroll tal-bozza). [Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal indikaturi murija fi spazju komuni].
- 5.3.5.3. Is-sinjal tat-twissija jrid ikun viżibbli anke fid-dawl tal-ġurnata; il-kondizzjoni sodisfaċenti tas-sinjal trid tkun verifikabbli faċilment mis-sewwieq minn fuq is-sedil tiegħu.

- 5.3.5.4 L-indikazzjoni ta' ħsara tista' tkun l-istess sinjal ta' twissija bħal dak li jindika tajjer baxx. Jekk is-sinjal ta' twissija deskritt fil-paragrafu 5.3.5.1 jintuża biex jindika kemm tajjer baxx kif ukoll ħsara tat-TPMS, għandu japplika dan li ġej: meta l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni "on" (run) is-sinjal ta' twissija għandu jteptep biex jindika ħsara. Wara ftit żmien is-sinjal ta' twissija għandu jibqa' mixgħul il-ħin kollu sakemm iddum il-ħsara u sakemm l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni "on" (run). Is-sekwenza tat-teptip u tal-illuminazzjoni għandha tiġi ripetuta kull darba li l-iswiċċ tal-ignixin (start) ikun fil-pożizzjoni "on" (run) sakemm jitranġa n-nuqqas.
- 5.3.5.5. L-indikatur tat-twissija deskritta fil-paragrafu 5.3.5.1 jista' jintuża bit-teptip sabiex jipprovi l-informazzjoni dwar l-istatus ta' rrisettjar tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers b'konformità mal-manwal ta' sid il-vettura.
6. TAGĦRIF SUPPLEMENTARI
- 6.1. Jekk il-vettura tkun mġhamra b'unità ta' stepni għal użu temporanju, il-manwal ta' sid il-vettura għandu jkun fih tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:
- 6.1.1. Stqarrija tar-riskju li jiġi min-nuqqas ta' konformità mar-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' unità ta' stepni għal użu temporanju inkluż, kif xieraq, stqarrija relatata mal-użu ristrett ta' fus speċifiku.
- 6.1.2. Istruzzjoni għal sewqan bir-reqqa f'mhux iktar mill-veloċità massima permessa ta' 80 km/h (50 mph) meta jkun twaħħal tip 1, 2 jew 3 ta' unità ta' stepni għal użu temporanju kif definit fil-paragrafi 2.10.1, 2.10.2 u 2.10.3, u biex tiġi installata mill-ġdid unità standard kemm jista' jkun malajr. Għandu jkun ċar li din l-istruzzjoni tapplika wkoll għal unità ta' stepni għal użu temporanju tat-tip 5 kif definit fil-paragrafu 2.10.5 li qed jintuża fil-modalità ta' sewqan b'panċer.
- 6.1.2.1. Istruzzjoni għal sewqan bir-reqqa f'mhux iktar mill-veloċità massima permessa ta' 120 km/h (75 mph), meta jkun twaħħal unità ta' stepni għal użu temporanju tat-tip 4 kif definit fil-paragrafu 2.10.4, u biex tiġi installata mill-ġdid unità standard kemm jista' jkun malajr.
- 6.1.3. Stqarrija li l-operat tal-vettura ma jkunx permess li jkunu twaħħlulha iktar minn unità waħda ta' stepni għal użu temporanju fl-istess ħin. Ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għat-tipi 1, 2 u 3 ta' unitajiet ta' stepni għal użu temporanju kif definiti fil-paragrafi 2.10.1, 2.10.2 u 2.10.3.
- 6.1.4. Indikazzjoni ċara tal-pressjoni tal-inflazzjoni speċifikata mill-manifattur tal-vettura għat-tajer tal-unità ta' stepni għal użu temporanju.
- 6.1.5. Għal vetturi mġhamra b'unità ta' stepni għal użu temporanju maħżun mhux minfuħ, deskrizzjoni tal-proċedura biex jintefaħ it-tajer għall-pressjoni speċifikata għal użu temporanju permezz tat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 5.1.7 hawn fuq.
- 6.2. Jekk il-vettura tkun mġhamra b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers jew Sistema ta' Twissija ta' Run-Flat, il-manwal ta' sid il-vettura għandu jkun fih tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:
- 6.2.1. Stqarrija li l-vettura hija mġhamra b'sistema ta' dan it-tip (u informazzjoni dwar kif tiġi rrisettjata s-sistema, jekk is-sistema attwali tinkludi din il-karatteristika).
- 6.2.2. Stampa tas-simbolu li javżak bil-problema deskritt fil-paragrafu 5.1.6.1 jew 5.3.5.1 kif xieraq (u stampa tas-simbolu li javżak bi ħsara, jekk hemm sinjal li javżak apposta għal din il-funzjoni).
- 6.2.3. Informazzjoni addizzjonali dwar is-sinifikat ta' meta jixgħel is-sinjal ta' twissija tal-pressjoni baxxa tat-tajers u deskrizzjoni tal-azzjoni korrettiva li trid tittieħed jekk dan jiġri.
- 6.3. Jekk mal-vettura ma jingħatax manwal għal sidha, l-informazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 6.1 u/jew 6.2 hawn fuq għandha tintwera f'post prominenti fil-vettura.

7. MODIFIKA U ESTENSIJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA
- 7.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura għandha tkun innotifikata lid-Dipartiment Amministrattiv li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip. Id-dipartiment jista' mbagħad jew:
 - 7.1.1. Jikkunsidra li l-modifika magħmula x'aktarx li ma jkollhomx effetti negattivi notevoli u li fi kwalunwe każ il-vettura xorta tissodisfa r-rekwiżiti; jew
 - 7.1.2. Jitlob rapport tal-ittestjar addizzjonali mis-Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet.
- 7.2. Il-konferma jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni, li tispjega l-alterazzjonijiet, għandha tkun innotifikata skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3 hawn fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.
- 7.3. Id-Dipartiment Amministrattiv li joħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandu jagħti numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni li tiffassal għal estensjoni bħal din.
8. KONFORMITÀ TA' PRODUZZJONI
- 8.1. Il-proċeduri ta' Konformità tal-Produzzjoni għandhom jikkonformaw ma' dawk stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Ftehim (E/ECE/324 – E/ECE/TRANS/505/Rev.2) bir-rekwiżiti li ġejjin:
 - 8.2. Id-Dipartiment Amministrattiv li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip fi kwalunkwe ħin jista' jivverifika l-konformità tal-produzzjoni f'kull faċilità ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun tal-inqas darba kull sena.
9. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 9.1. L-approvazzjoni mogħtija fil-każ ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jkunx sodisfatti r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 8.
 - 9.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, għandha tawza b'dan minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li fl-aħħar ikollha, f'ittri kbar, l-annotazzjoni ffirmata u datata "APPROVAZZJONI RTIRATA".
10. IL-PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf għal kollox jimmanifattura tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra fil-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, u dan permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li jkollha miktub fl-aħħar, b'ittri kbar, l-annotament iffirmat u datat "PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX".
11. L-ISMIJET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBILI BIEX JAGĦMLU T-TESTIJET TAL-APPROVAZZJONI, U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

Il-Partijiet fil-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli li jagħmlu t-testijiet tal-approvazzjoni u tad-Dipartimenti Amministrattivi li taw l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.
12. DISPOŻIZZJONIJET TRANŻITORJI
- 12.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 01 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 01 ta' emendi.

- 12.2. Minn 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 01 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament fir-rigward ta' stepnis għal użu temporanju, tajers tun flat jew sistemi run flat għandhom jagħtu approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' vettura li għandu jkun approvat jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 01 ta' emendi.
- 12.3. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament m'għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjonijiet ta' approvazzjoni skont is-serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament.
- 12.4. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu approvazzjonijiet lil dawk it-tipi ta' vetturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje preċedenti matul il-perjodu ta' 36 xahar li jsegwi d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 01 ta' emendi.
- 12.5. Sa mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 02 ta' emendi għal dan ir-Regolamenti, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 02 ta' emendi.
- 12.6. Sa mill-1 ta' Novembru 2012, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw li jingħataw approvazzjoni nazzjonali jew reġjonali għal tip ta' vettura tal-kategoriji M_1 u sa massa massima ta' 3 500 kg u N_1 , fiż-żewġ każijiet bil-fusijiet kollha mgħammra ma' tajers singoli, jekk it-tip ta' vettura ma tissodisfax ir-rekwiżiti tas-serje 02 ta' emendi għal dan ir-Regolament.
- 12.7. Sa mill-1 ta' Novembru 2014, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw l-ewwel reġistrazzjoni nazzjonali jew reġjonali (l-ewwel dħul fis-servizz) ta' vettura tal-kategoriji M_1 u sa massa massima ta' 3 500 kg u N_1 , fiż-żewġ każijiet bil-fusijiet kollha mgħammra ma' tajers singoli, jekk it-tip ta' vettura ma jissodisfax ir-rekwiżiti tas-serje 02 ta' emendi għal dan ir-Regolament.
- 12.8. Minkejja d-dispożizzjonijiet tranżitorji t'aktar 'il fuq, il-Partijiet Kontraenti li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tagħhom tidħol fis-seħħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aktar serje ta' emendi reċenti mhumex obbligati li jaċċettaw approvazzjonijiet li ngħataw skont kwalunkwe serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament.
-

ANNEX 1

KOMUNIKAZZJONI

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

dwar ⁽²⁾: APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
 APPROVAZZJONI ESTIŻA
 APPROVAZZJONI MIĊĦUDA
 APPROVAZZJONI RTIRATA
 PRODUZZJONI MWAQQFA GĦAL KOLLOX

ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tagħha li jista' jinkludi: b'unità ta' stepni għall-użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat, u/jew sistema ta' monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers ⁽²⁾, b'konformità mar-Regolament Nru 64.

Nru tal-approvazzjoni Nru tal-estensjoni

1. L-isem tar-reġistrazzjoni jew trejdmak tal-vettura:
2. Tip tal-vettura (jekk applikabbli, il-varjanti li huma inklużi):
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur:

5. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi:
6. Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq ta' testijiet tal-approvazzjoni:

7. Data tar-rapport tat-test:
8. In-numru tar-rapport tat-test:
9. Deskrizzjoni qasira tat-tip ta' vettura:
- 9.1. Massa tal-vettura waqt it-test:
 Fus ta' quddiem:
 Fus ta' wara:
 Total:
- 9.2. Markamenti u daqs(ijiet) tar-rota ta' tagħmir ta' unità standard:
- 9.3. Dettalji ta' unità ta' stepni għal użu temporanju, inklużi d-desinjazzjonijiet u tad-daqs u l-markamenti tar-rota u t-tajer, it-tagħbija tat-tajer u kemm jiflaħ veloċità, tajer run-flat inklużi d-distanza massima tal-offset tar-rota (meta jkun differenti minn tal-unità standard).
- 9.4. Il-vettura hija mgħammra b'sistema ta' twissija ta' run-flat: iva/le ⁽²⁾

Jekk it-tweġiba hija iva, is-sistema ta' twissija ta' run-flat tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5.1.6 sa 5.1.6.6/tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5.3 sa 5.3.5.5 (sistema ta' monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers) ⁽²⁾

9.5. Il-vettura hija mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5.3 sa 5.3.5.5: iva/le ⁽²⁾

9.6. Deskrizzjoni qasira ta' sistema ta' twissija ta' run-flat/sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers fejn applikabbli:

10. Riżultat tat-testijiet:

	Imkejla Żmien għat-twissija (mm:ss)
"Test tal-panċer"	
"Test tad-diffużjoni"	
"Test tal-ħsara"	

11. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni:

12. Raġuni(jiet) għal estensjoni (jekk applikabbli):

13. Approvazzjoni mogħtija/miċħuda/estiża/irtirata ⁽²⁾

14. Post:

15. Data:

16. Firma:

17. Il-lista ta' dokumenti ddepożitati mad-Dipartiment Amministrattiv li ta l-approvazzjoni hija annessa ma' din il-komunikazzjoni u tista' tinkiseb fuq talba.

⁽¹⁾ Numru distint tal-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni fir-Regolament).


⁽²⁾ Aqta' fejn ma japplikax.

ANNEX 2

L-ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

Mudell A

(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq imwajhla mal-vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tat-tagħmir tal-unità(jiet) ta' stepni għal użu temporanju, ġie approvat fil-Pajjiżi Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 64 taħt in-numru tal-approvazzjoni 022439. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni nġhatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 64 li jinkorpora s-serje 02 ta' emendi.

Mudell B

(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq imwajhla mal-vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tat-tagħmir ta' sistema ta' monitoraġġ tal-pessjoni tat-tajers, ġie approvat fil-Pajjiżi Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 64 taħt in-numru tal-approvazzjoni 022439. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni nġhatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 64 li jinkorpora s-serje 02 ta' emendi.

Mudell C

(Ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq imwajhla mal-vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, ġie approvat fil-Pajjiżi Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 64 (fir-rigward tat-tagħmir ta' unità(jiet) ta' stepni għal użu temporanju u tagħmir b'sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers) u 13-H ⁽¹⁾ In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 64 inkluż fis-serje 02 ta' emendi u r-Regolament Nru 13-H kienu għadhom fil-forma oriġinali tagħhom.

⁽¹⁾ In-numru tal-aħħar qed jingħata biss bħala eżempju.

ANNEX 3

TEST TAL-IBBREJKJAR U TAD-DEVJAZZJONI GĦAL VETTURI MĠHAMMRA B'UNITAJIET TA' STEPNI GĦAL UŻU TEMPORANJU**1. KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI**

- 1.1. It-traċċat tat-test għandu jkun sostanzjalment invell u jkollu wiċċ li joffri adeżjoni tajba.
- 1.2. It-test għandu jsir meta ma jkunx hemm riħ li jaf jaffettwa r-riżultati.
- 1.3. Il-vettura għandha titgħabba sal-massa massima kif definita fil-paragrafu 2.11. ta' dan ir-Regolament.
- 1.4. Il-tagħbijiet tal-fusijiet li jirriżultaw mill-kundizzjoni ta' tagħbija skont il-paragrafu 1.3 ta' dan l-anness għandu jkun proporzjonali għat-tagħbijiet tal-fusijiet massimi kif definiti fil-paragrafu 2.12 ta' dan ir-Regolament.
- 1.5. Ħlief fil-każ ta' tajer run-flat, it-tajers għandhom jintefħu għall-pressjonijiet rakkomandati mill-manifattur tal-vettura għat-tip ta' vettura u kundizzjoni ta' tagħbija. Tajer run-flat għandu jkun ittestjat f'kundizzjoni ta' mniżżel kollu.

2. TEST TA' BBREJKJAR U DEVJAZZJONI

- 2.1. It-test għandu jsir b'unità ta' stepni għal użu temporanju mqabba darba f'post rota ta' quddiem u darba f'post rota ta' wara. Madankollu, jekk l-użu tal-unità ta' stepni għal użu temporanju jkun ristrett għal fus speċifiku, it-test għandu jsir biss bl-unità ta' stepni għal użu temporanju mġammra ma' dak il-fus.
- 2.2. It-test għandu jsir bl-użu ta' sistema tal-ibbrejkjar tas-servizz minn veloċità inizjali ta' 80 km/h bil-magna skonnessa.
- 2.3. Ir-rendiment tal-ibbrejkjar għandu jikkorrispondi mal-proċedura tat-test mogħtija fir-Regolament Nru 13 jew 13-H għall-kategoriji tal-vetturi M_1 and N_1 għat-test tal-kesħa tat-Tip O bil-magna skonnessa:
 - 2.3.1. Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M_1 approvati fir-Regolament Nru 13 mġammra b'unitajiet ta' stepni għal użu temporanju tat-tip(i) 1, 2, 3 u 5 kif definiti fil-paragrafi 2.10.1, 2.10.2, 2.10.3 u 2.10.5 u ttestjati b'veloċità preskritta ta' 80 km/h,

id-distanza għall-waqfien miksuba bl-użu ta' forza massima ta' 500 N applikata għall-kontroll bis-sieq, m'għandhiex taqbeż il-50,7 m u

id-deċellerazzjoni żviluppata kollha medja (mfdd) mogħtija bil-formula li ġejja m'għandhiex tkun inqas minn $5,8 \text{ ms}^{-2}$:

$$Mfdd = v^2 / 41,14 \text{ s}$$

fejn "v" hija l-veloċità inizjali fejn jibda l-ibbrejkjar u "s" hija d-distanza koperta matul l-ibbrejkjar bejn 0,8 v u 0,1 v.

- 2.3.1.1. Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N_1 approvati fir-Regolament Nru 13 mġammra b'unitajiet ta' stepni għal użu temporanju kif definiti fil-paragrafi 2.10.1, 2.10.2, 2.10.3 u 2.10.5 u ttestjati b'veloċità preskritta ta' 80 km/h.

id-distanza għall-waqfien miksuba bl-użu ta' forza massima ta' 700 N applikata għall-kontroll bis-sieq, m'għandhiex taqbeż il-61,2 m u

id-deċellerazzjoni żviluppata kollha medja (mfdd) mogħtija bil-formula li ġejja m'għandhiex tkun inqas minn $5,0 \text{ ms}^{-2}$:

$$Mfdd = v^2 / 41,14 \text{ s}$$

fejn v hija l-veloċità inizjali fejn jibda l-ibbrejkar u s hija d-distanza koperta matul l-ibbrejkar bejn 0,8 v u 0,1 v.

- 2.3.1.2. Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M_1 approvati fir-Regolament Nru 13 mgħammra b'unitajiet ta' stepni kif definit fil-paragrafu 2.10.4 u ttestjati b'veloċità preskritta ta' 120 km/h,

id-distanza għall-waqfien miksuba bl-użu ta' forza massima ta' 500 N applikata għall-kontroll bis-sieq, m'għandhiex taqbeż il-108 m u

id-deċellerazzjoni żviluppata kollha medja (mfdd) mogħtija bil-formula li ġejja m'għandhiex tkun inqas minn $5,8 \text{ ms}^{-2}$:

$$Mfdd = v^2 / 41,14 \text{ s}$$

fejn " v " hija l-veloċità inizjali fejn jibda l-ibbrejkar u " s " hija d-distanza koperta matul l-ibbrejkar bejn 0,8 v u 0,1 v.

- 2.3.1.3. Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M_1 jew N_1 approvati fir-Regolament Nru 13-H mgħammra b'unitajiet ta' stepni għal użu temporanju tat-tip(i) 1, 2, 3 u 5 kif definiti fil-paragrafi 2.10.1, 2.10.2, 2.10.3 u 2.10.5 u ttestjati b'veloċità preskritta ta' 80 km/h,

id-distanza għall-waqfien miksuba bl-użu ta' forza massima ta' 650 N + 0 / - 50 N applikata għall-kontroll bis-sieq, m'għandhiex taqbeż l-46,4 m u

id-deċellerazzjoni żviluppata kollha medja (mfdd) mogħtija bil-formula li ġejja m'għandhiex tkun inqas minn $6,43 \text{ ms}^{-2}$:

$$Mfdd = v^2 / 41,14 \text{ s}$$

fejn " v " hija l-veloċità inizjali fejn jibda l-ibbrejkar u " s " hija d-distanza koperta matul l-ibbrejkar bejn 0,8 v u 0,1 v.

- 2.3.1.4. Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M_1 approvati fir-Regolament Nru 13-H mgħammra b'unità ta' stepni għal użu temporanju kif definit fil-paragrafu 2.10.4 u ttestjati b'veloċità preskritta ta' 120 km/h,

id-distanza għall-waqfien miksuba bl-użu ta' forza massima ta' 650 N + 0 / - 50 N applikata għall-kontroll bis-sieq, m'għandhiex taqbeż it-98,4 m u

id-deċellerazzjoni żviluppata kollha medja (mfdd) mogħtija bil-formula li ġejja m'għandhiex tkun inqas minn $6,43 \text{ ms}^{-2}$:

$$Mfdd = v^2 / 41,14 \text{ s}$$

fejn " v " hija l-veloċità inizjali fejn jibda l-ibbrejkar u " s " hija d-distanza koperta matul l-ibbrejkar bejn 0,8 v u 0,1 v.

- 2.4. It-testijiet għandhom isiru għal kull wieħed mill-kundizzjonijiet ta' tagħmir ta' unitajiet ta' stepni għal użu temporanju fil-paragrafu 2.1 ta' dan l-anness.

- 2.5. Ir-rendiment preskriti tal-ibbrejkar għandu jinkiseb mingħajr ebda llokkjar tar-roti, devjazzjoni tal-vettura mir-rotta intenzjonata tagħha, vibrazzjoni anormali, tgerriem anormali tat-tajer matul it-test jew korrezzjonijiet eċċessivi tal-istering.

ANNEX 4

REKWIŻITI GĦAT-TEST GĦAL SISTEMA TA' TWISSIJA TA' RUN-FLAT (RFWS)

1. KUNDIZZJONIJIET TAT-TEST

1.1. **Temperatura ambjentali**

It-temperatura ambjentali għandha tkun bejn 0 °C u 40 °C.

1.2. **Il-wiċċ tat-triq fejn isir it-test**

Il-wiċċ tat-triq tat-test għandu jkun niexef u lixx.

1.3. **Post tat-test**

Il-post tat-test għandu jkun post li mhux suxxettibbli għal interferenzi radjofoniċi bħal xi kamp elettriku qawwi.

1.4. **Il-kundizzjoni tal-vettura tat-test fi stat wieqaf**

It-tajers tal-vettura għandhom jinżammu fid-dell meta l-vettura tkun ipparkjata.

2. METODU TAT-TEST

2.1. **Proċeduri għall-ittestjar biex jinstab li tajer qiegħed fil-modalità ta' sewqan b'panċer.** Ir-rekwiżiti ta' kemm il-paragrafu 2.1.1 jew 2.1.2 għandhom ikunu sodisfatti.2.1.1. *Test 1*

2.1.1.1. It-tajers iridu jintefħu sal-pressjoni rakkomandata mill-manifattur tal-vettura.

2.1.1.2. Bil-vettura wieqfa u l-iswiċċ tal-ignixin (start) fil-pożizzjoni "Lock" jew "Off", ixgħel l-iswiċċ tal-ignixin (start) fil-pożizzjoni "On" ("Run") jew, jekk applikabbli, fil-pożizzjoni adatta taċ-ċavetta. Ikkonferma l-attivazzjoni tas-sinjal ta' twissija.

2.1.1.3. Itfi l-ignixin u naqqas il-pressjoni tal-inflazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mit-tajers sakemm il-pressjoni aġġustata tal-inflazzjoni tat-tajer tkun 100 kPa taħt il-pressjoni kiesħa tal-inflazzjoni rakkomandata.

2.1.1.4. Fi żmien 5 minuti wara t-tnaqqis tal-pressjoni tal-inflazzjoni tat-tajer, suq il-vettura b'mod normali bejn 40 u 100 km/h.

2.1.1.5. It-test ikun lest meta jew:

(a) is-sistema ta' twissija ta' run flat kif deskritt fil-paragrafu 5.1.6 jkun ġie attivat jew,

(b) ikun għadda perjodu ta' 5 minuti, meta jkun iddeterminat skont il-paragrafu 2.3, mill-waqt li fih tkun intlaħqet il-veloċità tat-test. Jekk it-twissija ma tattivax it-test ma jkunx irnexxa.

Il-vettura għandha titwaqqaf kompletament u jintefa' l-ignixin.

2.1.1.6. Jekk is-sinjal ta' twissija meħtieġ fil-paragrafu 2.1.1.5 hawn fuq ikun ġie attivat, stenna 5 minuti qabel ma' tixgħel l-ignixin; is-sinjal irid jiġi riattivat u jibqa' attiv sakemm l-iswiċċ tal-ignixin ikun fil-pożizzjoni "on" ("run").

2.1.1.7. Irrepeti l-proċess deskritt fil-paragrafi 2.1.1.1 sa 2.1.1.6, imma b'veloċità tat-test ta' 130 km/h jew iktar. Ir-rekwiżiti rilevanti kollha għandhom ikunu sodisfatti għaż-żewġ veloċitajiet tat-test.

2.1.2. Test 2

2.1.2.1. It-tajers iridu jintefħu sal-pressjoni rakkomandata mill-manifattur tal-vettura.

2.1.2.2. Bil-vettura wieqfa u l-iswiċċ tal-ignixin (start) fil-pożizzjoni "Lock" jew "Off", ixgħel l-iswiċċ tal-ignixin (start) fil-pożizzjoni "On" ("Run") jew, jekk applikabbli, fil-pożizzjoni adatta taċ-ċavetta. Ikkonferma l-attivazzjoni tas-sinjal ta' twissija. Itfi l-ignixin.

2.1.2.3. Ipproduċi fuq tajer wieħed telfien gradwali tal-pressjoni ta' bejn 10 kPa/min u 20 kPa/min.

2.1.2.4. Suq il-vettura fi kwalunkwe veloċità 'l fuq minn 25 km/h.

2.1.2.5. Ir-rekwiżit tat-test ikun sodisfatt jekk is-sistema twassal it-twissija sal-mument li l-pressjoni tinżel għal 100 kPa.

2.2. Il-proċeduri tat-test biex tinstab ħsara fis-Sistema ta' Twissija ta' Run-Flat

2.2.1. Bil-vettura fil-kundizzjoni ta' użu normali, agħmel simulazzjoni ta' ħsara fis-Sistema ta' Twissija ta' Run-Flat. Din is-simulazzjoni tista' ssir billi, pereżempju, jiġu skonnessi l-konnetturi għall-wajering relatati mal-provvista tal-elettriku mis-sors tal-elettriku jew il-wajering relatat mal-input/output lejn/minn il-kontroll tas-sistema ta' twissija.

2.2.2. Bl-introduzzjoni ta' simulazzjoni ta' ħsara, suq il-vettura b'mod normali bejn 40 u 100 km/h.

2.2.3. It-test ikun tlesta meta jew:

(a) is-sinjal ta' ħsara fir-run-flat kif deskritt fil-paragrafu 5.1.6.4 ikun ġie attivat jew,

(b) ikun għadda perjodu ta' 5 minuti, meta jkun iddeterminat skont il-paragrafu 2.3, mill-waqt li fih tkun intlaħqet il-veloċità tat-test. Jekk it-twissija ma tattivax it-test ma jkunx irnexxa,

Il-vettura għandha titwaqqaf kompletament u jintefa' l-ignixin.

2.2.4. Jekk is-sinjal ta' twissija meħtieġ fil-paragrafu 2.2.3 hawn fuq ikun ġie attivat, stenna 5 minuti qabel ma' tixgħel l-ignixin; is-sinjal irid jiġi riattivat u jibqa' attiv sakemm l-iswiċċ tal-ignixin ikun fil-pożizzjoni "on" ("run").

2.3. Kalkolu tad-dewmien

Il-ħin li jrid jgħaddi biex jiġu determinati r-rekwiżiti tal-paragrafi 2.1.1.5 u 2.2.3 għandu jkun il-ħin kollu li jkun għadda waqt li l-vettura tkun qed tinsaq fil-firxa tal-veloċità tat-test ta' minn 40 km/h sa 100 km/h.

Il-ħin għandu jkun ikkalkulat tul sewqan kontinwu imma mhux neċessarju li l-vettura żżomm tul it-test veloċità fi ħdan il-firxa ta' veloċità tat-test. Meta l-veloċità tal-vettura toħroġ mill-firxa tal-veloċità tat-test, kwalunkwe ħin akkumulat tul ġrajjiet bħal dawn ma għandux jitqies bħala parti mit-total tad-dewmien tat-test.

L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-tip għandha tissodisfa ruħha li s-sistema ta' twissija ta' run-flat jirreġistra l-ħin fi ħdan il-firxa tal-veloċità tat-test fuq bażi kumulattiva u ma jerġax jibda l-kalkolu tal-ħin jekk il-vettura toħroġ mill-firxa tal-veloċità tat-test.

ANNEX 5

TESTIJET GĦAS-SISTEMI TA' MONITORAĠĠ TAL-PRESSJONI TAT-TAJERS (TPMS)**1. KUNDIZZJONIJIET TAT-TEST****1.1. Temperatura ambjentali**

It-temperatura ambjentali għandha tkun bejn 0 °C u 40 °C.

1.2. Il-wiċċ tat-triq fejn isir it-test

It-triq għandu jkollha wiċċ li jaffordja adeżjoni tajba. Il-wiċċ tat-triq għandu jkun niexef waqt it-testijiet.

1.3. It-testijiet għandhom isiru f'ambjent ħieles minn kull interferenza radjofonika.**1.4. Il-kundizzjonijiet tal-vettura****1.4.1. Piż waqt it-test**

Il-vettura tista' tkun ittestjata fi kwalunkwe kundizzjoni ta' tagħbija, id-distribuzzjoni tal-massa mal-fusijiet tkun dik iddikjarata mill-manifattur tal-vettura mingħajr ma teċċedi l-ebda waħda mill-mases massimi permessibbli għal kull fus.

Madankollu, fil-każ li ma jkun hemm l-ebda possibilità li s-sistema tiġi ssettjata jew irrisettjata, il-vettura m'għandhiex tkun mgħobbija. Jista' jkun hemm, minbarra s-sewwieq, persuna oħra fis-sedil ta' quddiem li tkun responsabbli biex tinnota r-riżultati tat-testijiet. Il-kundizzjoni tat-tagħbija ma għandhiex tkun immodifikata tul it-test.

1.4.2. Il-veloċità tal-vettura

It-TPMS tal-vettura għandha tkun ikkalibrata u ttestjata:

- (a) fil-firxa tal-veloċità minn 40 km/h sa 120 km/h jew il-veloċità massima pproġettata tal-vettura, jekk din tkun inqas minn 120 km/h, għat-test tal-panċer biex ikunu vverifikati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.2 ta' dan ir-Regolament u
- (b) f'firxa ta' veloċità minn 40 km/h sa 100 km għat-test ta' diffużjoni biex ikunu vverifikati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.3 ta' dan ir-Regolament u għat-test ta' ħsara biex ikunu vverifikati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.4 ta' dan ir-Regolament.

Il-firxa kollha tal-veloċità għandha tkun koperta tul it-test.

Għall-vetturi mgħammra bil-cruise control, il-cruise control m'għandux jintuża matul it-testijiet.

1.4.3. Pożizzjoni tar-rimmijiet

Ir-rimmijiet tal-vettura jistgħu jitqiegħdu fi kwalunkwe pożizzjoni tar-roti, b'konsistenza ma' kwalunkwe istruzzjonijiet jew limitazzjonijiet relatati mill-manifattur tal-vettura.

1.4.4. Post fejn titħalla pparkjata

Meta l-vettura tkun ipparkjata, it-tajers tal-vettura għandhom jinżammu fid-dell. Il-post għandu jkun imħares minn kull riħ li jista' jaffettwa r-riżultati.

1.4.5. Applikazzjoni tal-pedala tal-brejk

Il-ħin tas-sewqan m'għandux jakkumula matul l-applikazzjoni tal-brejk waqt li l-vettura tkun miexja.

1.4.6. Tajers

Il-vettura għandha tkun ittestjata bit-tajers installati fuq il-vettura skont ir-rakkomandazzjoni tal-manifattur tal-vettura. Madankollu, l-istepni jista' jintuża biex tiġi ttestjata ħsara fit-TPMS.

1.5. Il-preċiżjoni tat-tagħmir għall-kejl tal-pressjoni

It-tagħmir għall-kejl tal-pressjoni li jrid jintuża għat-testijiet li jinsabu f'dan l-anness għandu jkun preċiż sa tal-inqas ± 3 kPa.

2. PROĊEDURA TAT-TEST

It-test għandu jsir b'veloċità tat-test fil-firxa skont il-paragrafu 1.4.2 ta' dan l-anness, tal-inqas darba għall-każ tat-test skont il-paragrafu 2.6.1 ta' dan l-anness ("test tal-panċer"), u tal-inqas darba għal kull każ tat-test skont il-paragrafu 2.6.2 ta' dan l-anness ("test ta' diffużjoni").

2.1. Qabel ma jintefħu t-tajers tal-vettura, ħalli l-vettura wieqfa barra f'temperatura ambjentali bil-magna mitfija, fidell u mhux esposta għar-riħ jew influwenzi oħra li jistgħu jsaħħnu jew ikessħu, għal tal-inqas siegħa. Onfoħ it-tajers tal-vettura sal-pressjoni tal-inflazzjoni kiesħa rakkomandata mill-manifattur tal-vettura (P_{re}), b'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-manifattur tal-vettura għall-kundizzjonijiet tal-veloċità u tat-tagħbija, u l-pożizzjonijiet tat-tajer. Il-kejl tal-pressjoni għandu jsir bl-użu tal-istess tagħmir tat-testijiet.

2.2. Bil-vettura wieqfa u s-sistema ta' llokkjar tal-ignixin fil-pożizzjoni "Lock" jew "Off", ixgħel is-sistema ta' llokkjar tal-ignixin fil-pożizzjoni "On" jew "Run". Is-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għandha tagħmel kontroll tat-tħaddim tal-bozza għall-indikatur ta' pressjoni baxxa tat-tajers kif speċifikat fil-paragrafu 5.3.5.2 ta' dan ir-Regolament. [Dan ir-rekwiżit tal-aħħar ma japplikax għal indikaturi murija fi spazju komuni].

2.3. Jekk ikun applikabbli, issettja jew irrisettja s-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur tal-vettura.

2.4. Fażi ta' tagħlim

2.4.1. Suq il-vettura għal tal-inqas 20 minuta fil-limiti tal-firxa tal-veloċità fil-paragrafu 1.4.2 ta' dan l-Annexx, u b'veloċità medja ta' 80 km/h (± 10 km/h). Hija tista' titħalla toħroġ mill-limiti tal-veloċità għal ħin kumulattiv massimu ta' 2 minuti matul il-fażi ta' tagħlim.

2.4.2. Għad-diskrezzjoni tas-Servizz Tekniku, fejn it-test tas-sewqan isir fuq traċċat (ċirku/ovali) b'dawrien biss lejn naħa waħda, it-test tas-sewqan fil-paragrafu 2.4.1 hawn fuq għandu jinqasam b'mod ugwali (± 2 minuti) fiż-żewġ direzzjonijiet.

2.4.3. Fi żmien 5 minuti mit-tlestija tal-fażi ta' tagħlim, kejjel il-pressjoni sħuna tat-tajer(s) li jridu jitniżżlu. Il-pressjoni sħuna għandha tittieħed bħala l-valur P_{warm} . Dan il-valur se jintuża għal operazzjonijiet sussegwenti.

2.5. Fażi ta' tniżżil tat-tajer.

2.5.1. *Il-proċedura għat-test tal-panċer biex jiġu vverifikati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.2 ta' dan ir-Regolament*

Niżżel wieħed mit-tajers tal-vettura fi żmien 5 minuti tal-kejl tal-pressjoni sħuna kif deskritta fil-paragrafu 2.4.3 hawn fuq, sakemm tkun $P_{warm} - 20$ fil-mija, jew fi pressjoni minima ta' 150 kPa, skont liema jkun l-oġġ, jiġifieri P_{test} . Wara perjodu ta' stabbilizzazzjoni ta' bejn 2 u 5 minuti l-pressjoni P_{test} għandha tkun iċċekkjata mill-ġdid u jekk ikun hemm bżonn tiġi aġġustata.

2.5.2. *Il-proċedura għat-test tad-diffużjoni biex jiġu vverifikati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.3. ta' dan ir-Regolament*

Niżżel l-erba' tajers fi żmien 5 minuti tal-kejl tal-pressjoni sħuna kif deskritta fil-paragrafu 2.4.3 hawn fuq, sakemm it-tajers imniżżla jkunu $P_{warm} - 20$ fil-mija kif ukoll tniżżil ieħor ta' 7 kPa, jiġifieri P_{test} . Wara perjodu ta' stabbilizzazzjoni ta' bejn 2 u 5 minuti l-pressjoni P_{test} għandha tkun iċċekkjata mill-ġdid u jekk ikun hemm bżonn tiġi aġġustata.

2.6. Fażi ta' detezzjoni tal-pressjoni baxxa tat-tajer

2.6.1. *Il-proċedura għat-test tal-panċer biex jiġu vverifikati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.2 ta' dan ir-Regolament*

2.6.1.1. Suq il-vettura tul kwalunkwe parti tal-korsa tat-test (mhux bilfors kontinwament). Is-somma tal-ħin ta' sewqan kumulattiv totali għandu jkun l-inqas wieħed f'10 minuti jew il-ħin meta xegħlet il-bozza li tindika pressjoni baxxa tat-tajers.

- 2.6.2. *Il-proċedura għat-test tad-diffużjoni biex jiġu vverifikati r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.3.3 ta' dan ir-Regolament*
- 2.6.2.1 Suq il-vettura tul kwalunkwe parti tal-korsa tat-test. Wara mhux inqas minn 20 minuta u mhux iktar minn 40 minuta waqqaf kompletament il-vettura bil-magna mitfija u ċ-ċavetta tal-ignixin imneħħija għal mhux inqas minn minuta (1) jew iktar minn 3 minuti. Komplu t-test. Is-somma tal-ħin ta' sewqan kumulattiv totali għandu jkun l-inqas wiehied f'60 minuta ta' sewqan kumulattiv skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.4.2 hawn fuq jew il-waqt meta tixgħel il-bozza li tindika pressjoni baxxa tat-tajers.
- 2.6.3. Jekk il-bozza li tindika pressjoni baxxa tat-tajers ma xeghlitx, waqqaf it-test.
- 2.7. Jekk il-bozza li tindika l-pressjoni baxxa tat-tajers tkun xegħlet matul il-proċedura fil-paragrafu 2.6 hawn fuq, iddiżattiva s-sistema ta' llokkjar tal-ignixin billi tagħmilha fil-pożizzjoni "Off" jew "Lock". Wara perjodu ta' 5 minuti, attiva mill-ġdid is-sistema ta' llokkjar tal-ignixin tal-vettura billi tagħmilha fil-pożizzjoni "On" ("Run"). Din il-bozza trid tixgħel u tibqa' mixgħula sakemm is-sistema ta' llokkjar tal-ignixin tkun fil-pożizzjoni "On" ("Run").
- 2.8. Onfoħ it-tajers kollha tal-vettura sal-pressjoni ta' inflazzjoni kiesħa rakkomandata mill-manifattur tal-vettura. Irrisettja s-sistema skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-vettura. Iddetermina jekk il-bozza ta' indikazzjoni ntfitx. Jekk hemm bżonn, suq il-vettura sakemm din il-bozza tintefa. Jekk din il-bozza tibqa' ma tintefiex, waqqaf it-test.
- 2.9. **Repetizzjoni tal-fażi ta' tniżżil tat-tajer**
- It-test jista' jiġi ripetut, bl-istess tagħbijiet jew b'tagħbijiet differenti, bl-użu tal-proċeduri tat-test fil-paragrafi 2.1 sa 2.2.8 hawn fuq bit-tajer(s) rilevanti tal-vettura mhux minfuħa biżżejjed, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.3.2 jew 5.3.3 ta' dan ir-Regolament skont liema jkun rilevanti.
3. SEJBA TA' ĦSARA FIT-TPMS
- 3.1. Stimula ħsara fit-TPMS, pereżempju, billi taqla' l-komponent tat-TPMS minn mas-sors tal-enerġija, taqla' kull konnessjoni elettrika bejn il-komponenti tat-TPMS, jew tinstalla tajer jew rota mal-vettura li tkun inkompatibbli mat-TPMS. Meta tissimula ħsara fit-TPMS, il-konnessjonijiet elettriċi għall-bozoz li jindikaw malfunzjoni għandhom ikunu maqlugħa.
- 3.2. Suq il-vettura għal sa 10 minuti ta' ħin kumulattiv (mhux bilfors kontinwament) tul kwalunkwe parti mill-korsa tat-test.
- 3.3. Is-somma tal-ħin ta' sewqan kumulattiv totali skont il-paragrafu 3.2 għandu jkun l-inqas wiehied f'10 minuti jew il-ħin meta xegħlet il-bozza li tindika ħsara fit-TPMS.
- 3.4. Jekk l-indikatur ta' ħsara fit-TPMS ma jkunx xegħel skont il-paragrafu 5.3.4 ta' dan ir-Regolament, kif meħtieġ, waqqaf it-test.
- 3.5. Jekk l-indikatur ta' ħsara fit-TPMS ikun xegħel jew jixgħel tul il-proċedura fil-paragrafu 3.1 sa 3.3 hawn fuq, iddiżattiva s-sistema ta' llokkjar tal-ignixin billi tagħmilha fil-pożizzjoni "Off" jew "Lock". Wara 5 minuti, attiva mill-ġdid is-sistema ta' llokkjar tal-ignixin tal-vettura billi tagħmilha fil-pożizzjoni "On" ("Run"). L-indikatur ta' ħsara fit-TPMS għandu għal darba oħra jissenjala ħsara u jibqa' mixgħul sakemm is-sistema ta' llokkjar tal-ignixin tkun fil-pożizzjoni "On" ("Run").
- 3.6. Irritorna t-TPMS f'sitwazzjoni ta' tħaddim normali. Jekk hemm bżonn, suq il-vettura sakemm jintefa s-sinjal ta' twissija. Jekk din il-bozza ta' twissija tibqa' ma tintefiex, waqqaf it-test.
- 3.7. It-test jista' jkun ripetut bl-użu ta' proċeduri tat-test fil-paragrafi 3.1 sa 3.6, b'kull wiehied minn dawn it-testijiet ikun limitat għal simulazzjoni ta' ħsara waħda.
-

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joffri fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeżiġi abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT